# PARROĊĊA MARIJA ANNUNZJATA, TARXIEN
# LEJN PJAN PASTORALI PARROKKJALI għas-snin 2005 - 2006

***NOTA: dan huwa abbozż ta' pjan biex jiġi diskuss fl-Assemblea Parrokkjali tat-8 ta' Novembru, 2004.***

## SKOP TAL-PJAN:

Li flimkien, bħala parroċċa, fi ħdan id-djoċesi, inkomplu l-mixja kif mitluba mis-Sinodu Djoċesan;

Matul din il-mixja irridu nkomplu nagħrfu u nilqgħu l-istedina ta' l-istess Sinodu, biex inkunu komunita' ta' evanġelizazzjoni ġdida, komunjoni ta' aħwa, formazzjoni fil-fidi, fi djalogu bejnietna u mas-soċjeta', ta' qadi ta' dawk fil-bżonn u f'solidarjeta' ma' l-imbegħdin u l-imwarbin. Dawn il-valuri, li ħarġu mis-sinodu, għandhom janimaw il-ħidma tagħna kollha.

## PRIJORITAJIET:

Fid-dawl ta' dak suġġerit fil-pjan tad-Djoċesi għal dawn is-sentejn, il-prijioritajiet ta' dan il-pjan għadhom ikunu:

1. Animazzjoni fil-fidi;
2. Iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa tal-Ħadd;
3. Formazzjoni fil-mentalita' tas-sinodu;
4. Attenzjoni partikulari lill-oqsma tal-familja u ta' l-adolexxenti u ż-żgħażagħ;
5. Jissaħħaħ l-istil sinodali (mixja flimkien): konsultazzjoni, djalogu u kollaborazzjoni;
6. Promozzjoni tat-tagħlim u l-valuri soċjali tal-knisja;

## INIZJATTIVI

***A*** Waqt li nżommu f'moħħna li l-pjanijiet tagħna mhux biss ma jieħdux post il-pjan t'Alla għalina, anzi għandhom jgħinuna biex nifhmu u nwettqu dak li jrid Alla minna, għandu jsir sforz biex l-inizjattiva li riċentement inbdiet fil-parroċċa, jiġifieri, l-adorazzjoni ewkaristika fil-kappella ta' San Bert, tinġieb 'il quddiem ħalli Ġesu' Kristu jkun tassew dak li jmexxi u jigwida l-ħidma kollha tagħna.

F'dan ir-rigward ukoll, billi din is-sena ġiet dikjarata mill-Papa bħala sena ta' l-ewkaristija, għandna naraw x'jista' jsir biex kif jitlobna l-Papa nippromovu l-kultura ewkaristika mhux tant permezz ta' affarijiet ġodda iżda permezz ta' tiġdid fiċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa tal-Ħadd u żieda fl-adorazzjoni ewkaristika barra mill-quddiesa.

***B*** Fl-aħħar lagħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali li saret fil-5 t'Ottubru, 2004, wara li nqraw il-prijoritajiet imsemmija hawn fuq, ħarġu diversi suġġerimenti ta' inizjattivi li jistgħu jittieħdu fiż-żmien li ġej:

1. laqgħat ta' tagħlim dwar it-tagħlim soċjali tal-knisja; dawn jistgħu isiru in-konnessjoni mal-kors ta' katekeżi ma' l-adulti li qed isir fil-parroċċa u għandhom ikunu diretti għal xi forma ta' azzjoni;
2. it-twaqqif tal-kummissjoni familja parrokkjali bl-iskop li tingħata attenzjoni partikulari lill-familji ġodda mingħajr ma jiġu esklużi l-oħrajn;
3. il-kummissjoni kateketika parrokkjali tistudja u twettaq ħidma fir-rigward tat-tfal f'dik li hija l-quddiesa, speċjalment tal-Ħadd;
4. issir ħidma biex il-quddiesa tal-Ħadd titjieb fl-aspetti kollha tagħha; issir ukoll katekeżi dwar il-quddiesa;

5. titwaqqaf il-kummissjoni djakonija bil-mira li tingħata attenzjoni lil dawk imwarrba, lil dawk li jkunu għaddejja minn żmien diffiċli (per eżempju, wara l-mewt ta' xi ħadd fil-familja, minħabba mard jew ċirkostanzi oħra) u lil dawk bi bżonnijiet speċjali;
6. jitwaqqaf grupp bibliku u ieħor ta' edukazzjoni fit-talb għal-*leaders* ta' l-għaqdiet biex dawn imbagħad janimaw il-gruppi rispettivi tagħhom;
7. isiru laqgħat ta' aġġornament u formazzjoni għal-letturi, animaturi u ministri tat-tqarbin;
8. tingħata formazzjoni dwar id-dokumenti tas-sinodu: dan jista' jsir permezz ta' fuljetti u wkoll fil-kuntest tal-quddiesa tal-Ħadd;
9. tiġi studjata jekk għandix titwaqqaf kummissjoni żgħazagħ li ġġib flimkien gruppi differenti taż-żgħazagħ li għandna fil-parroċċa;
10. tingħata promozzjoni lis-sagrament tal-qrar;
11. jiġi msaħħaħ il-grupp ta' l-i*street leaders*;
12. ... idejat oħra.

## MIN U META

Fl-aħħar nett, biex ll-pjan ikun effettiv, huwa meħtieġ li kull inizjattiva li jiġl deċlż li titwettaq għandha tkun determinata ta' żewġ affarijiet:

(a) meta għandha tiġl mwettqa;

(b) min se jkun responsabbli għat-twettiq tagħha.